Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-410 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 20 ta' Frar, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Bonnici, Keith Pisani, Joseph Buttigieg u Anna Calleja.

Is-Sur Sur Mark Grech u s-Sur Robert Buhagiar daħlu għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija. Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-409 laqgħa.

**Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti**

Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech u s-Sur Robert Buhagiar daħlu għal-laqgħa.

Is-Sinjura Calleja pproponiet li f'Settembru li ġej tittella` attivita` flimkien maċ-*China Cultural Centre* bil-parteċipazzjoni ta' artisti barranin. Il-Viċi Sindku ssekonda lis-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita`.

Is-Sur Grech talab sabiex titwaħħal tabella ta' daqs żgħira fil-bidu tal-isqaq u tindika *cul de sac* fi Sqaq Lajri peress illi s-sewwieqa ma kienux qed jaraw it-tabella li hemm bħalissa peress illi mhux imwaħħla fil-bidu tal-isqaq.

Is-Sur Grech talab li jiġi ppreżentat bid-deċiżjoni ta' Transport Malta dwar applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill ghal *bollard* quddiem ir-residenza Gemini fi Triq Alessio Erardi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi kien ser iġib kopja ta` din il-korrispondenza.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi nformazzjoni ġdida mill-GAL dwar Triq Ħas-Sajjied. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill lista dettaljata tat-telefonati li saru mill-ufficini tal-Kunsill matul is-sena 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi kien

iċċekkja l-lista u ma sab lil ħadd li mhux awtorizzat illi qed jagħmel użu mit-telefonija. Is-Segretarju talab lill-Kunsillieri preżenti biex jitrattaw din l-informazzjoni sensittiva b'kunfidenzjalita sħiħa peress illi t-telefonija hija parti mill-informazzjoni li għandu l-Kunsill u li hija marbuta mall-Att dwar il-Protezzjoni ta' Data.

**Item 4 - Minuti tas-Sotto Kumitat**

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**Item 5 – Korrispondenza**

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Comune di Villabate fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-okkazzjoni tal-festa tal-Patrun tagħhom San Ġużepp li ser tkun iċċelebrata f'Marzu 2013.

Is-Sur Buhagiar qal li kien ġie nfurmat mis-Sur Diego Puleo minn Villabate illi ż-żgħażagħ fetħu ċentru f'Villabate u jixtiequ jorganizzaw *youth camp* flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Camilleri mill-*Youth Support Work Placement* fejn staqsa lill-Kunsill jekk għadux interessat li jaċċetta lis-Sur Melvin Busuttil bħala *student worker* mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament illi joffri *work placement* l-*student worker*.

Is-Sur Grech staqsa x'kien sar dwar l-ingaġġ għall-impjegat taħt l-iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita`. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi kienet qamet *issue* dwar min kien ser jipprovdi l-finanzjament tas-salarju tal-persuni b'diżabilita' impjegati taħt din l-iskema kif ukoll diffikulta` biex jinstab l-ispazju adattat fl-uffiċini tal-Kunsill għall-impjegat li jiġi ngaġġat taħt din l-iskema.

Inqrat korrispondenza mill-MEPA dwar l-applikazzjoni tax-xelter f'Misrah is-Sliem, fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkunsidra mill-ġdid id-disinn tal-entratura tax-xelter biex dan ikun simili għad-disinn tal-ħruġ mix-xelter. Il-MEPA talbet sabiex isir rapport dwar il-ventilazzjoni fix-xelter minn *engineer* kif ukoll iġib l-approvazzjoni minn Transport Malta biex ikun jista` jsir l-aċċess li qed jiġi propost li jsir fil-karreġġjata. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jikkunsidra d-disinn mill-ġdid u li jsiru r-rapporti u l-permessi mitluba.

Is-Sinjura Calleja staqsiet ta' min kienet ser tkun ir-resposabbilita' li jiftaħ ix-xelter meta issir id-devoluzzjoni tiegħu lill-Kunsill. Is-Sindku qal li hekk kif issir id-devoluzzjoni, l-ewwel responsabbilita' tkun tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Charlot Ebejer fejn filwaqt illi rringrazzja l-Kunsill għall-ittra dwar l-ingaġġ tiegħu fil-kariga ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv (Skala 11), kien qed jnforma lill-Kunsill illi ma kienx qed jaċċetta din il-kariga peress illi kien sab xogħol ieħor.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Rosemarie Calleja fejn infurmat il-Kunsill illi ma kienetx qed taċċetta l-ingaġġ fil-kariga ta' Skrivana (Skala 15) peress illi hija wkoll kienet sabet impjieg ieħor.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tingħalaq is-sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Prinċipal Amministrattiv (Skala 11) kif ukoll is-sejħa għall-ingaġġ ta' Skrivana (Skala 15) biex imbagħad tkun tista` ssir sejħa ġdida għaż-żewġ vakanzi ta' mpjieg mill-Kunsill elett fl-elezzjoni tat-9 ta' Marzu 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kulleġġ Santa Margerita dwar preżentazzjoni ta' kotba mill-Kunsill Lokali lil persuni mil-lokalita` f'Jum il-Premjazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti kopja tal-ktieb *Zabbar A Living History* lilll-istudenti li ser jiġu ppremjati.

Inqara invit mibgħut mill-Onorevoli George Pullicino, Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Barranin, għall-inawgurazzjoni tal-Park għall-Familja ta' Sant' Antnin f'Wied il-Għajn li ser issir nhar il-Ħadd 24 ta' Frar, 2013.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Anthony Cassar li talab lill-Kunsill iħallas kumpens ta' €143.00 minħabba ħsara li allegament saret fit-*tyre* u r-*rim* tal-karozza tiegħu meta kien għaddej minn Triq l-Għaxra ta' Settembru, f'Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilita` għall-allegat inċident.

Inqrat kopja ta' korrispondenza mibgħuta mill-Ombudsman lil-Perit Lino Bianco dwar ilment rigward l-ewwel applikazzjoni li saret mill-Kunsill biex isir xogħol fix-xelter tal-gwerra f'Misraħ is-Sliem.

Is-Sindku qal li kien bgħat korrispondenza lill-Perit Lino Bianco sabiex iwaqqaf il-proċess tal-applikazzjoni tax-xelter. Il-Perit Bianco kien infurmah illi l-ilment li ressaq lill-Ombudsman kien fuq bażi personali peress illi kien hemm informazzjoni skorretta fir-rapport li tħejja minn Uffiċjal tal-MEPA li qal li kien iltaqa` mal-Perit dwar il-proposta ta' żvilupp meta dan ma kienx minnu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Elaine Muscat mill-kumpanija Gasan Mamo Insurance dwar ħsara li allegament saret minn klijent tagħha f'Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, qabel li jikteb lill-kumpanija Gasan Mamo Insurance peress illi fl-ittra ma kienx hemm indikat l-isem tat-triq fejn seħħ l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eddie Ludgard Scicluna fejn informa lill-Kunsill li kien ser jikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali f'Marzu li ġej.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Inspire fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizza attivita` bil-għan li n-nies jiġu nfurmati bil-programmi offruti fl-*Inspire.*

**Item 6 – Xogħol tal-Kunsill**

Is-Sindku rrefera għal talba li kienet saret mill-Kumitat Amministrativ St Peter's dwar xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Marżebb u ppropona li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Amministrattiv St Peter's joħroġ l-offerta pubblika għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marzebb u joħroġ id-differenza ta' madwar €35, 000 mill-fondi tal-Kunsill sabiex ikun jista isir xogħol ta' *resurfacing* f'din it-triq. Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill talba mill-impjegat tal-kumpanija IPSL is-Sur Grazio Gerada, biex jingħata ħamest ijiem *vacation leave* bejn l-4 u t-8 ta' Marzu, 2013.

Fuq proposta tas-Sur Pace li li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel b'sebgħa voti favur u żewġ voti kontra li lest jagħti jumejn *vacation leave* mill-ħamest ijiem li talab is-Sur Gerada sakemm l-IPSL ma tibgħatx ħaddiem sostitut biex tkun tista` ssir il-manutenzjoni necessarja matul il-ġimgħa li s-Sur Gerada jkun nieqes mix-xogħol. Dan peress illi s-Sur Gerada hu l-unika ħaddiem assenjat mill-kumpanija IPSL.

Is-Sur Buhagiar qal illi l-Kunsill m'għandux iżomm il-*leave* tal-impjegat u għandu jagħti l-*vacation leave* tas-Sur Gerada. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill b'żewġ voti favur u b'seba` voti kontra, ma qabilx li l-Kunsill jaċċetta t-talba tas-Sur Gerada sabiex jieħu l-ħamest ijiem *vacation leave.*

**Approvazzjoni ta' Finanzi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Jannar, 2013 u l-20 ta' Frar, 2013 li kien jammonta għal €48,492.39. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2013 li kien jammonta għal €116.31. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar, 2013.

**Approvazzjoni tal-Estimi Annwali**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2013. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament dawn l-Estimi Annwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar, 2012 - 31 ta' Diċembru, 2012. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament dawn il-*Financial Statements*.

Fit-7.55 ta' filgħaxija s-Sur Pisani talab li jkun skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda għal xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Grazzji u l-isqaqien taħt l-iskema *Public Private Partnership (*ZLC 2/2013). L-offerta mitfugħa kienet mingħand il-kumpanija *Vella Group Limited* għall-prezz ta' €187,846. Id-dokumenti kollha kienu mimlija u ffirmati.

Is-Segretarju qara r-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill dwar l-offerta għal xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Grazzji u l-isqaqien taħt l-iskema *Public Private Partnership (*ZLC 2/2013) fejn il-kuntrattur Vella Group talab sabiex il-Kunsill jagħmel talba lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma żieda ta' ħmistax fil-mija fil-prezzijiet tas-servizzi tal-ilma. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-offerta mingħand Vella Group Limited bil-kundizzjoni li qabel għandha tiġi rtirata t-talba li għamel il-kuntrattur liema talba għandha ssir direttament lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma.

Fit-8.05 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat għal ftit minuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi seba' offerti għall-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi f'Ħaż-Żabbar (ZLC 1/2013). L-offerti mitfugħa kienu mingħand:

| Kuntrattur | Prezz |
|---|---|
| Christopher Bonello | €19,800 |
| David Grech | €25,000 |
| Emanuel Magro | €24,925 |
| Saviour Mifsud | €34,500 |
| Ryan Mifsud | €29,347 |
| Sandro Caruana | €13,950 |
| WM Environmental Ltd | €13,800 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti l-oħra rikjesti kienu kollha sottomessi, mimlija u ffirmati kif mitlub. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici il-Kunsill qabel b'seba voti favur u astenzjoni waħda li tintgħażel l-offerta mingħand WM Environmental Ltd li kienet l-orħos offerta.

Fit-8.15 is-Sur Robert Buhagiar daħal lura għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' Vella Group Limited għas-servizz, żamma, manutenzjoni u tiswija ta' toroq u bankini (ZLC 1/2010) ser jagħlaq fit-22 ta' Marzu, 2013 u dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għal servizz ta' *Certified Public Accountant* (ZLC 10/2011) kien ser jagħlaq fl-24 ta' Frar, 2013 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidtx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 1/2012) kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Sindku li giet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien ser jagħlaq u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena addizzjonali jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġededd dan il-kuntratt għal sena addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**<u>Item 7 Affarijiet Oħra</u>**

Is-Sur Grech talab sabiex jitwaħħlu iktar tabelli għas-sewwieqa f'Misraħ San Ġakbu peress illi t-tabella li twaħħlet riċentement minħabba l-bejjiegħa tal-monti ma turix bl-aħjar mod fejn ma jistax isir parkeġġ nhar ta' Sibt.

Fid-9.20 ta' filgħaxija is-Sur Grech talab li jkun skużat.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva stedina formali mill-Kappillan għall-pellegrinaġġ ta' Ħadd in-Nies. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Bonnici qal li fuq inizjattiva tal-Kunsill ta' Eschborn din is-sena ser jerġa` jiġi organizzat proġett għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Eschborn, il-Ġermanja. Is-Sur Bonnici talab sabiex il-Kunsill jikkorrispondi mal-Kunsill ta' Eschborn sabiex Ħaż-Żabbar ikun jista` jipparteċipa f'dan il-proġett. Is-Sindku ssekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett.

Is-Sur Bonnici talab li tkompli ssir l-pressjoni neċessarja sabiex il-*bus shelter* li hemm quddiem il-Kunsill jiġi mdawwal mingħajr aktar dewmien.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill illi f'laqgħa li kellu mal-Kunsill Skolastiku ġiet diskussa l-possibilita` li tiġi organizzata *fun walk* għat-tfal tal-iskola Santa Klara. Is-Sur Buhagiar ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita` flimkien mal-iskola u jipprovdi trasport għat-tfal parteċipanti li ser jieħdu sehem fil-*fun walk* li ser issir f'Marzu li ġej, liema spiża ma taqbiżx il-€200. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita`.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li kien irċieva lment dwar *shifting* ta' bozza li hemm fi Triq Monsinjur Luigi Catania kantuniera ma' Triq Gużeppi Vella. Is-Sindku qal li kien ser jivverifika dwar dan l-ilment.

Is-Sur Buhagiar irringrazzja lill-Kunsill għall-ħidma li saret fis-snin li għaddew u awgura lill-Kunsill il-ġdid fil-ħidma tiegħu.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-411 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 6 ta' Marzu 2013.

Domenic Agius
Sindku